MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Awwissu, 2008

Numru 573/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Ian Joseph Abdilla**
**V**

**SANDRO SCHEMBRI ADAMI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **SANDRO SCHEMBRI ADAMI** ta’ hamsa w erbghin sena bin Franz w Yvonne nee Brincat, imwieled H’Attard nhar l-hamsa w ghoxrin t‘Awissu 1963 u joqghod 15/17, Vincenti Buildings, Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 488863M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

a. Fi Frar 2005, u fil-granet u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra s-somma ta’ LM10,500.00 ghad-dannu ta’ Godfrey Farrugia, Astrid

Farrugia, Jennifer Attard u Anton Schembri, liema soma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir usu minnha specifikat, liema soma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu;

b. Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera' haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex jqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' LM10,500.00 ghad-dannu ta' Godfrey Farrugia, Astrid Farrugia, Jennifer Attard u Anton Schembri;

c. Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, fil-kapacita tieghu t'ufficcjal jew impjegat pubbliku, fl-ezercizzju tad-dmirijiet tieghu, ghamel falsifikazzjoni b'firem foloz;

d. Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra li meta jigu ppresentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna t'oggetti jew jigbor depositu jew rahan minn ufficcju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u cioe cekk tal-HSBC Bank Malta Limited bin-numru 404714, kif wkoll talli xjentement ghamel uzu minnhom;

e. Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-skrittura jew fil-firem ucioe cekk tal-HSBC Bank Malta Limited bin-numru 404714, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi, jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti li dawk l-atti jew skritturi kellu jkollhom fihom jew kellhom jippruvaw, kif wkoll talli

xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

f. Talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi kif wkoll kaz, fil-kapacita tieghu t'ufficcjal jew impjegat pubbliku, dolozament bi ksur tad-dmirijiet tieghu, ghamel jew naqas li jaghmel xi att, b'taghkis jew bi hsara ta' haddiehor;

g. Talli fl-istess dati, lokalitajiet, cirkostanzi u kaz, ikkommetta tali reati filwaqt li kien ufficcjal jew impjegat pubbliku b'hekk sar hati ta' reat li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu, kellu d-dmir li jimpedixxi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skond l-ligi, tordna lil imputat ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esibiti f'dan il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti inkluz d-dokumenti Dok. IJA 01 sa IJA 07 (fol 13 et seq), id-Dok. CSH (fol 40 et seq), id-Dok. MV, MV 1 u V 2 (fol 64 et seq), kif wkoll l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhyar l-hmistax ta' Marzu 2007 (fol 102 tal-atti).

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tas-sitta w ghoxrin ta' Marzu 2007 li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta (fol 103).

Semghet wkoll lil imputat, fis-seduta tal-hmistax ta' Mejju 2008, jiddikjara li ghamel tajjeb ghad-danni sofferti mill-vittmi f'din il-kawza, liema dikjarazzjoni giet konfermata mill-Ufficcjal Prosekutur li zied jghid fis-seduta tat-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2008, li l-vittmi llum l-gurnata m'ghandhom ebda pretenzjoni ulterjuri fil-konfront tal-imputat odjern.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2008 (fol. 120).

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat:

Dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni s-segwenti fatti:

1. Illi l-imputat irregistra ammissjoni ghal akkuzi kollha, ghalkemm mhux fi stadju bikri tal-proceduri;
2. Illi l-imputat ghamel tajjeb ghad-danni kagjonati minnu;
3. Illi l-vittmi, llum il-gurnata m’ghandhom ebda pretenzjoni ulterjuri fil-konfront tal-imputat odjern u li huma sodisfatti bir-risarciment li sarilhom;
4. Il-kundizzjoni medika li ghaddej minnha fil-present l-imputat.

Ghalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 18, 293, 294, 141, 308, 310, 179, 167(1)(2)(3), 169, 183, 184, 138, 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat SANDRO SCHEMBRI ADAMI hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu, fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sentejn [2] sospizi ghal erbgha [4] snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti jew esperti, il-

Qorti rat li f'dan il-kaz ma kienu gew nominati ebda esperti w ghalhekk qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' tali talba.

**Dwar i-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esibiti, il-Qorti rat li ma gew esibixi ebda oggetti materjali tul dawn il-proceduri w ghalhekk qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' tali talba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------